MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 938/2009

**Go p.l.c.
(C – 22334)**

**vs**

**Catherine Abdilla
(I.D. 61856M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tlieta u tmenin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€483.57), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21333754 (CN 231837, AC 10084728) skont diversi kontijiet mibghuta lilha, u skont id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba :

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10084728 (telefon 21333754)

IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku 21333754

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€483.57), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------